# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 9**

**10 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' għal-laqgħa li ssejħet b'urġenza fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-4.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv
Chris Buhagiar- Skrivan

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

## 9.1 Serq ta' Komputers mill-Uffiċċju tal-Kunsill

9.1.1 Il-Kunsill iltaqgħa b'urġenza sabiex jiddiskuti s-sitwazzjoni li ġrat it-Tnejn 10ta'Lulju għal ħabta tat-8.30 ta' filgħodu. Is-Segretarja talbet lil Chris Buhagiar li huwa l-iskrivan tal-kunsill u li kien l-uniku persuna prezenti sabiex jagħti d-dettalji tal-fatti kif ġraw.

Buhagiar spjega kif daħlu zewg persuni fil-Kunsill, wieħed minnhom Jimmy Saliba fejn dan qabad u mar ħdejn il-komputer tas-Segretarja u informa lill-Buhagiar li kien ġie biex jigbor ħwejgu. Zid jgħidlu li jista jiċċekkja l-minuti. L-iskrivan kompla jispjega kif ħassu maħsud u anka intimidat u għalhekk ma offrix rezistenza. Jimmy ħa l-komputers sew tas-Segretarja kif ukoll tal-iskrivan, kif ukoll l-'external hardrive'. L-iskrivan informa lis-Segretarja kif ukoll lis-Sindku b'dan li ġara u gie mitlub jmur jagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija immedjatament.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li dan ma setgħa qatt jieħu l-ligi b'idejh irrispettivament tal-kaz innifsu u għalhekk hadet il-passi neċessarji billi nfurmat lill-Ministru Hon. Owen Bonnici, Segretarju Parlamentari Hon. Silvio Parnis, lid-Direttur tal-Kunsilli, lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lill-Kummissarju tad-Data Protection u l-Monitoring DLG. L-ittra li ntbagħtet inqrat lill-membri. Dan għaliex fuq dawn il-komputers kien hemm data personali flimkien ma data oħra sensittiva li hija protetta bil-ligi u li ma setgħat qatt toħrog barra mill-Kunsill. Il-membri ġew infurmati li s-Sindku kellem ukoll lill-avukat tal-Kunsill fejn l-avukat spjega li forsi nistgħu nilħqu kompromess u b'hekk nieħdu l-komputers lura u nevitaw l-ispejjez, pero' s-Segretarja spjegat li ġaladarba dawn ħarġu mill-Kunsill tibqa il-possibilta li ttieħdet xi data minn fuqhom u għalhekk ma hiex se terfa r-responsabilita' li taċċetthom lura mingħajr ma jkunu gew iċċekkjati u verifikati mill-esperti. Il-Pulizija kienet nformatna wkoll li Saliba kien diġa zarma l-komputers. Is-Segretarja infurmat lill-membri li ħadet id-deċizzjoni li ma tiġborx il-komputers lura u jibdew il-proċeduri kriminali kontra l-istess Saliba għaliex ħadd mill-membri ta' dan il-Kunsill ma jista jerfa' responsabbilta għal dan li ġara. Ħadd ma tah awtorizzazjoni biex jiġi l-uffiċċju u jaqbad u jieħu l-komputers u għalhekk irid jerfa' responsabilita' ta' għemilu.

Il-Pulizija nfurmana li l-komputers inġabru l-għassa tal-Pulizija u l-istess komputers reġgħu waslu sħaħ u magħqudin. Il-Kunsillier Horace staqsa jekk il-komputers ġewx magħqudin fil-prezenza tal-Pulizija jew xħin marru għall-komputers kienu diġa magħqudin. Dan għaliex jista jagħti l-kas li ma kien zarmhom xejn. Chris Buhagiar zid jgħid li l-pulizija staqsih jekk setgħax izarmhom fuq il-post pero' Saliba wieġeb li ma setgħax. Is-Sindku rrimarka li skont l-isem tal-kumpanija stess dan joffri Mobile

Services u allura suppost ifisser li jista jagħmel ix-xogħol barra mill-hanut. Is-Segretarja ħadet nota sabiex tivverifika l-fatti ezatt kif ġraw.

Fid-dawl ta' din iċ-ċirkustanza, ġiet evalwata s-sitwazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista jopera bl-aħjar mod possibli mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel li ghandu jinxtara komputer gdid għas-Segretarja minnufih, filwaqt li jsiru xi 'updates' neċessarji sabiex l-iskrivan jkun jista juza l-laptop ezistenti. Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu lill-pulizija sabiex jekk hu possibli jipprovdulna kopja tad-data ezistenti li hemm fuq l-istess komputers ħalli l-kunsill jkun jista jkompli jopera mingħajr tfixkil.

Il-membri kollha qablu li dan kien att kriminali u għalhekk għandhom jibdew il-proċeduri legali kontra s-Sur Saliba.

Il-laqgħa spiccat fil-5p.m.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**